MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 799/2012

**Fl-Atti tal-Ittra Ufficjali**
**Numru 2241/2012 taht l-Art. 253e**
**Kap. 12 fl-ismijiet:**

**Highway Auto Co. Ltd C 3252**
**Vs**
**Louis Pace ID 871952M u Mexico**
**Garage Rent A Car Co. Ltd C 5002**

Il-Qorti :

Rat l-att tar-rikors mressaq fit-8 t'Awwissu 2012, li bih talab is-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti gew notifikati bl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi ghall-esekuzzjoni ta' kambjala.*

*Illi r-rikorrenti jixtiequ jopponu ruhhom ghall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjala stante illi l-import tal-istess qed jigi mhallas permezz ta' pagamenti rateali mensili u ghalhekk ma tistax tigi mitluba l-esekuzzjoni tal-kambjala fl-intier taghha meta din gja hija in parti mhallsa."*

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati;

Rat ir-Risposta mressqa mill-kumpannija intimata eżekutanti ta'Highway Auto Co. Limited (C3252) fis-16 t'Ottubru, 2012, li biha sostnew is-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti jippretendu illi l-kambjala skaduta fl-20 ta' Dicembru 2011 m'ghandhiex tithallas minkejja li t-terminu tal-pagament skada u li thallsu biss cirka EURO 1,500 mis-somma ta' EURO 69,238 ossija baqa' bilanc ta' EURO 67,838 oltre l-imghax legali mit-13 t'April 2008 rapprezentanti self skond skrittura tal-14 ta' Awwissu u garantita bil-kambjala fuq imsemija.*

*Illi iktar mic-cekk il-kambjala kif gie diversament rilevat mill-gurisprudenza hija prova dikomentari tal-element kostituttiv tar-rapport u jikkrea presunzjoni legali tat-titolarita' tad-dritt stabbilit f'dak id-dokument a favur il-persuna legittimata u intrinsikament mhux hag'ohra hlief dokument ta' kreditu u dan kif gie deciz fil-kawza "Anthony Borg vs Anthony Francis Willoughby" tad-9 ta'Marzu 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.*

*Illi l-kambjala ghandha effett ta' titolu kambjarju kif del resto ghandu cekk mahrug ghall-pagament (vide kollezzjoni Vol.LXXXVI, Part2, Page 520 u "Luigi Portelli et noe vs Dottor John C.Grech noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 2000)*

*Illi l-kambjala hija r-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergent mill-wicc il-kambajali stess ( vide "United*

*Acceptance Finance Limited vs Mario Grech pro et noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 t'Ottubru 2000 u "Adrian Busietta noe vs Marco Attard noe" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Frar 2001)*

*Ic-cekk gie definit minn Ferri "Manuale di Diritto Commerciale"-*

*"Un titolo di credito al ordine o al portatore contenente l-ordine diretto ad una banco di paghare al possessore del titolo secondo la legge di circolazione la somma portata dall'assegno."*

*De Semo fl-opera tieghu "Diritto Cambiario" (para 669) jghid –*

*"L'assegno bancario e un titolu cambiario, all'ordine o al portatore, letterale, formale, autonomo, astratto, contenente, l-ordine incondizionato, rivolto ad un banchiere preso il quale l-emittente ha fondi disponibbli adeguati, di paghare a visto la somma che vie e' menzionata; vincolante solidalmente tutti i firmatari verso il potatore e munito di forza esecuttiva."*

*Illi l-Qrati taghna dejjem applikaw dawn il-principji kif jirrizulta mis-sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc tal-14 ta' Dicembru 1959, Vol. XLIII, Part 2, Page 834 fl-ismijiet "Michael Attard vs Grazio Meilak et" kif ukoll mis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tat-3 t'April 1992 fl-ismijiet "Daniel sive Danny Cremona noe vs Nazzareno sive Ronnie Zammit et", "Antoine Deguara vs Walter George Wicker" deciza mill-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Mejju 1959 Vol. XXXIX Part 3, Page 853, "John Charles Denninson noe vs Salvatore Tonna" Appell Kummercjali fit-30 ta' Novembru 1926) u "Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon" Appell Kummercajli fit-18 t'Ottubru 1875.*

*Inoltre l-"Baudry Lacantinerie" josserva fil-"Fideissione" para 916 – "la premessa di paghare il debito altrui non e una fideissione; essa costituisce una obbligazione*

*principale che non concede il benefico di dicisione o di escussione.”*

*Illi kambjala fih it-traent jobbliga ruhu li jhallas lit-trattarju s-somma hemm indikata u ghalhekk f’tali gurnata u f’tali zmien u ghalhekk ma jistax ir-rikorrent jippretendi li ma jhallasx galadarba skadiet il-kambjala, l-bilanc tal-import tal-kambjala.*

*Illi l-ebda prova ohra ma tista’ tingab fuq il-kambjala innifisha galadarba din ghadha f’idejn it-trattarju u l-unika eccezzjonijiet li jistghu jingabu huma dilatorji ossija dawk rigwardanti l-forma tal-kambjala u huma pagabbli lit-trattarju mit-traent.*

*Illi t-traent mhux qed jghid illi l-ammont mhux dovut imma jippretendi ghad qed ihallas ratealment wara l-iskadenza tal-kambjala huwa ghandu xi dritt li jibqa’ jhallas b’dak il-mod meta effettivament il-kreditu skada u l-ammont kif rizultanti mill-istess kambjla huwa kollu dovut. It-trattarju qed jesigi l-pagament tal-bilanc ta’ kreditu maghluq u ghalhekk ghandu dritt li huwa jipprezenta din l-ittra ufficajli u jitlob il-kundanna ghal hlas ta’ l-istess.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti bir-rikors tieghu tat-8 t’Awwissu 2012 ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu u l-effetti tal-ittra ufficjali 2241/12 fl-ismijiet permessi tigi resa esekuttiva skond il-ligi.”*

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tar-rikorrenti ezekutati Louis Pace et tal-5 ta’ Dicembru 2012;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ Novembru 2012 , li bih halliet ir-rikors ghas- sentenza
**Ikkonsidrat:**

Illi din hija azzjoni biex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta’ kambjala għall-finijiet tal-proviso tal-Artikolu 253(e) tal- Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Mill-provi dokumentari prodotti jirrizulta illi l-Ittra Ufficjali giet intavolata fis-17 ta’ Lulju 2012 u Louis Pace u socjeta’ Mexico Garage Rent A Car Company Limited li gew notifikati fit-23 ta’ Lulju 2012.

Illi kontenut fl-Ittra Ufficjali, kien hemm l-avviz tal-import u l-konsegwenzi tal-istess ittra lill-intimati u dana skond il-ligi.

Mill-provi dokumentari jirrizulta illi skond skrittura tal-14 ta’Awwissu 2002 Louis Pace u Mexico Garage Rent A Car Company Limited kienu tenuti li jhallsu sal-20 ta’ Dicembru 2011 is-somma ta’ disgha u sittin elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro) (€69,238) li kienet garantita permezz ta’ kambjala fl-istess ammont, ezebita a fol 4 u 17, u annessa mal-Ittra Ufficjali imsemmija. Ir-rikorrenti Louis Pace u socjeta’ Mexico Garage Rent A Car Company Limited jirritjenu li gia la darba hallsu elf u hames mitt Ewro (€1,500) mis-somma ta’ disgha u sittin elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro) (€69,238) l-ezekuzzjoni ta’ din il-kambjala ai termini ta’ Artikolu 253(e) tal- Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jreggix.

L-Artikolu 253(e) u l-proviso :
***“253. Huma titoli esekuttivi:***
***Omisses;***
***(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:***

***B’dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista’, b’digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta’ dik il-***

***kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont iddisposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso ...";***

Illi mkien, la fil-premessi tar-rikors promotorju jew fin-nota ezebita jew waqt it-trattazzjoni ma hemm indikat jew allegat illi l-firma fuq il-kambjala meritu tal-kawza m'hijiex dik ta' Louis Pace.

Sodisfatt dan ir-rekwizit, din il-Qorti trid tezamina kemm il-darba skond il-proviso tal-Artikolu fuq citat, jeziztux **ragunijiet validi u gravi** il-ghaliex din il-Qorti ghandha izomm jew tissospendi l-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Apparti r-rekwizit tal-firma tal-kambjala, kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunjiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-*promissory note* li tkun; **(vide is-sentenza Michael**

**Attard Limited (C-32362) vs Turisa Limited (C-3428) u Joseph Bonello per Onor. Imh. Joseph R. Micallef)**

Ir-rikorrenti qieghed jippretendi illi din il-Qorti ghandha tordna sospenzjoni tal-ezekuzzjoni kambjala disgha u sittin elf, mitejn u tmienja u tletin Ewro (€69,238) il-ghaliex thallas elf u hames mitt Ewro (€1,500).Dan ir-ragunament kieku accettat minn din il-Qorti, iwassal ghal stultifikazzjoni ta’ raison d’etre ta’ kambjala fil-kamp kummercjali . Il-Qorti qieset illi r-riduzzjoni minhabba pagament, kienet pjenament ammess, anzi sollevat mis-socjeta’ intimata innifisha, kif jidher mill-atti ta’ din il-kawza. Infatti, irreduciet l-ammont ghal sebgha u sittin elf, erba’ mija u tmintax –il Ewro (€ 67,418), kif jidher fil-verbal tat-22 ta’ Novembru 2012. Apparti dan kollu r-riduzzjoni tal-ammont li jidher fuq il-kambjala **huwa ukoll rifless fl-istess lttra Ufficjali datata 17 ta’ Lulju 2012, li permezz taghha ntalab it-titolu ezekuttiv**.

Illi din il-Qorti tqis illi ir-raguni moghtija mir-rikorrenti la hija valida u lanqas gravi u hi fil-fehma tal-Qorti illi tali raguni kienet sempliciment pretest sabiex Louis Pace u socjeta’ Mexico Garage Rent A Car Company Limited jigwadanjaw aktar zmien sabiex ihallsu. Ir-raguni setghet kienet wahda valida u gravi kieku is-socjeta’ Highway Auto Co. Ltd **innegat** addirettura illi saru l-pagamenti da parti ta’ Louis Pace u Mexico Garage Rent A Car Company Limited, jew li kien hemm dizgwid fuq l-entita’ tal-pagamenti.

Illi għalhekk, il-Qorti tifhem li ir-raġuni miġjuba mill-eżekutati m’hijiex waħda li twassal biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali.

Ghaldaqstant tichad it-talba tar-rikorrenti ezekutati Louis Pace u Mexico Garage Rent A Car Company Limited. ghas-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala kif redotta u li ghaliha tirreferi l-Ittra Ufficjali tas-17 ta’ Lulju 2012, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------